



Brussell, 16 ta' Diċembru 2021
(OR. en)

15020/21

**Fajl Interistituzzjonali:
2021/0328(COD)**

**CODEC 1646
JEUN 162
EDUC 420
SPORT 92
CULT 122
EMPL 557
BUDGET 47
SOC 741
GENDER 132
SAN 756
ENV 996
SUSTDEV 185
CLIMA 448**

NOTA PUNT "A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kunsill
Suġġett:	Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022 (l-ewwel qari) - Adozzjoni tal-att leġiżlattiv

1. Fl-14 ta' Ottubru 2021, il-Kummissjoni bagħtet lill-Kunsill il-proposta¹ tagħha, ibbażata fuq l-Artikoli 165(4) u 166(4).
2. Il-Kumitat tar-Reġjuni Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-2 ta' Diċembru 2021².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fit-8 ta' Diċembru 2021³.

¹ 12873/21.

² Għad mhix ippubblikata fil-ĠU.

³ Għad mhix ippubblikata fil-ĠU.

4. Fl-10 ta' Diċembru 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti approva l-ftehim li ntlaħaq mal-Parlament Ewropew u awtorizza lill-Presidenza biex tibgħat ittra lill-President tal-Kumitat CULT li tistqarr li jekk il-Parlament Ewropew jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-forma ppreżentata f'dik l-ittra, soġġett għal reviżjoni mill-ġuristi lingwisti taż-żewġ istituzzjonijiet, il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew u l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fil-plenarja tiegħu tat- 13-16 ta' Diċembru 2021⁴.
6. Fil-laqgħa tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti qabel li jistieden lill-Kunsill biex japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 81/21 bħala punt "A" tal-aġenda f'laqgħa li jmiss, kif ukoll id-dikjarazzjoni konġunta kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota, li għandha tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
7. Id-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill u li għandha tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tinsab fl-Addendum 2. Id-dikjarazzjonijiet mill-Ungerija u mill-Polonja għall-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum 3 għal din in-nota.
8. Il-Kunsill huwa mistieden japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew fl-ewwel qari kif tinsab fid-dokument PE-CONS 81/21 u d-dikjarazzjoni konġunta mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill kif tinsab fl-Addendum 1 għal din in-nota.
9. Jekk il-Kunsill japprova l-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew, l-att għandu jiġi adottat bil-formulazzjoni li tikkorrispondi għall-pożizzjoni tal-Parlament Ewropew.

Wara li jiġi ffirmat mill-President tal-Parlament Ewropew u mill-President tal-Kunsill, l-att leġiżlattiv ser jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

⁴ 14830/21.